MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 30/2010

**Francis Cutajar (ID 254143M)**

**vs**

**William Mifsud**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-esponenti huwa sid il-fond 84, Triq Chetcuti Mosta;

Illi dan il-fond jinsab mikri lill-intimat versu l-kera annwali ta' erba' mija u sitta u sittin Euro u ghoxrin centezmu (€466.20), liema kera tithallas kull sitt xhur bil-quddiem;

Illi ghalkemm l-intimat debitament notifikat mill-esponenti permezz ta' zewg ittri ufficjali li jgibu l-istess data tas-7 ta' Jannar 2009, hu baqa' ma hallasx il-kera dovuta u dana

ghal aktar minn zewg skadenzi kopja annessa u mmarkata Dok A;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob li dan il-Bord joghgbu:

1. Jawtorizza r-ripreza tal-fond 784, Triq Chetcuti Mosta min ghand l-intimat, u
2. Jipprefiggi lil perti intimat li tizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjes kontra l-intimat. Ingunt in subizzjoni;

Semgha l-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkonsidra illi r-rikorrenti ressaq quddiem dan il-Bord dik il-prova rikjesta skond l-artikolu 9(a) tal-Kap 69 konsistenti f'kopja ta' zewg ittri ufficcjali interpellatorji li kienu debitament ricevuti mill-intimat skond l-kopja tar-riferta esebita. Oltre dan, l-intimat xehed bil-gurament illi l-intimat ilu ma jhallas kera tul dawn l-ahhar ghaxar snin u li minn meta intavola din il-kawza ma kien hemm ebda rejazzjoni da parti tal-intimat;

Il-Bord ra r-rikors tal-avukat *amicus curiae* li permezz taghha talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex l-intimat ikun jista' jikkontesta l-kawza stante li huwa kien rikoverat l-isptar ghal ragunijiet medici serji. Il-Bord ta' din l-opportunita billi minflok li ppronunzja s-sentenza tieghu fid-data skedata u cioe fit-28 ta' Gunju 2010, huwa ddiferixxa l-kawza sabiex il-partijeit jitrattaw dan ir-rikors izda l-intimat baqa' ma deherx. Oltre dan, fis-seduta ta' wara u cioe fl-4 t'Ottubru 2010, l-Bord iddikjara li kien jehtieglu aktar zmien ghas-sentenza u f'dik is-seduta rega ma deher hadd u ghalhekk iddiferixxa l-kawza ghas-sentenza ghal-lum f'liema udjenza l-Bord kien propens li jerga jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex ikun trattat ir-rikors tal-intimat biex jithalla jikkontesta l-kawza izda minkejja dan, l-intimat xorta ma

deherx u ghalhekk il-Bord qed jghaddi biex jilqa’ t-talba tar-rikrorenti u jawtorizzah jirriprendi l-fond fuq deskritt wara s-seba (7) ta’ Jannar 2010, bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------